MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 132/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation.**

**vs.**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-23 ta' April 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici SUN ASIA TRADING LTD u lill-kunsinjatarju M.B.M.T u NOUR LINE ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bil-karta tal-identita` numru 67468M bhala mandatarju specjali tas-

socjeta` estera Nokia Corporation datat 12 ta' Frar 2010 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2') kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 3'); (b) *community trademark* 'E7 1', liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7035843 (Dok NC4); (c) *community trademark* 'Eseries', liema dritt gie registrat fis-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5108105 (Dok 'NC 5'); (d) *community trademark* 'E 66', liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7036783 (Dok 'NC 6') (e) *community trademark* 'N95', liema dritt gie registrat fl-22 ta' Novembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5535356; (Dok 'NC 7'); u (f) *community trademark* 'Nseries', liema dritt gie registrat fl-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5107347 (Dok 'NC 8').

Illi fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx ta' zewg *containers* bin-numri ECMU 8024135 u TCKU 9970130 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM ORFEO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u z-zewg *containers* kien fihom tlieta u erbghin elf u mitejn (43,000) *mobile phone covers,* elf (1000) batteriji tal-*mobile phones*, mija u erbgha (104)

*mobile phones* u cartuna bl-ippakkeggjar tal-*mobile phones* (Dok ‘NC 9’) kollha bil-marka ‘NOKIA’ u uhud minnhom bil-markji ‘E71’, ‘Eseries’, ‘E66’, ‘N95’, ‘Nseries’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta’ Nokia Corporation gewwa l-Finlandja, fejn gie determinat li dawn il-*covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-istess hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta’ Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Nokia Corporation u r-rapport tal-istess li ser jigi esibit fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li jinzammu dawn il-*covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobile phones*.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa NOUR LINE P/C M.B.M.T minn Tunis, Tunisia u dan skont dak citat fiz-zewg poloz ta’ taghbija numru GGZ0284806A (*Containe*r ECMU 8024135) u GGZ0284806B (*Container* TCKU 9970130) (Dok ‘NC 10’ + ‘NC 11’).

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) ta’ l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14 - 19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tlieta u erbghin elf u mitejn (43,200) *mobile phone covers,* elf (1000) batteriji tal-*mobile phones*, mija u erbgha (104) *mobile phones* u cartuna bl-ippakkeggjar tal-*mobile phones* (Dok NC9) kollha bil-marka 'NOKIA' u uhud minnhom bil-markji 'E71', 'Eseries', 'E66', 'N95', 'Nseries', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri ECMU 8024135 u TCKU 9970130 kontenenti l-imsemmija *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tas-segwenti : t-*trademarks* taghha lokalment registrati 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2') kif ukoll il-*Community Trademarks* (a) 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok NC3); (b) 'E7 1', liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7035843 (Dok 'NC 4'); (c) 'Eseries', liema dritt gie registrat fis-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5108105 (Dok 'NC 5'); (d) 'E 66', liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7036783 (Dok 'NC 6') (e) 'N 95', liema dritt gie registrat fl-22 ta' Novembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5535356; (Dok 'NC 7'); u (f) 'Nseries', liema dritt gie registrat fl-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5107347 (Dok 'NC 8').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li

jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*,, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol 4) u hdax-il dokument (11) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "NC 1" sa Dok. "NC 11" kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 27 tal-process.

Rat id-digriet datat 23 ta' April 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar datata 27 ta' Mejju 2010 fejn eccepew:-

(1) Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur deputat li pprezentat dokument li juri li hija ppruvat tikkomunika mal-intimati u li hija kellha esitu negattiv. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fil-15 ta' Jannar 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, fl-14 ta' Jannar 2010 huwa kien issospenda r-rilaxx ta' zewg *containers* bin-numri ECMU 8024135 u TCKU 9970130 li dahlu gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM ORFEO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u z-zewg *containers* kien fihom tlieta u erbghin elf u mitejn (43,000) *mobile phone covers,* elf (1,000) batteriji tal-*mobile phones*, mija u erbgha (104) *mobile phones* u cartuni bl-ippakkeggjar tal-*mobile phones* (Dok 'NC 9') kollha bil-marka 'NOKIA' u uhud minnhom bil-markji 'E71', 'Eseries', 'E66', 'N95', 'Nseries', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn kienu kontrafatti u ghalhekk kienu jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali kif jirrizulta mid-Dok. "NC1" sa Dok. "NC8" annessi mar-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta' attrici.

Illi dan jirrizulta kkonfermat mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 11 ta' Gunju 2010 u mid-dokumenti u x-xhieda l-ohra prodotti f'din il-kawza.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* li gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati tas-socjeta' Nokia Corporation gewwa l-Finlandja, gie determinat li dawn il-*covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-istess hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation. Fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mir-rapport datat 8 ta' Gunju 2010 (fol. 51) u mix-xhieda l-ohra prodotti nkluzi dawk ta' Dr. Peter Fenech (fol. 48).

Illi jirrizulta li s-socjetajiet/entitajiet intimati huma dawk indikati bhala l-esportaturi u l-konsennatarji tal-istess merkanzija kif jidher mill-poloz ta' karigu relattivi (Dok. "NC 10" u "NC 11".

Illi b'hekk il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt lanqas biss huma kontestati. Dwar spejjez ghad-distruzzjoni tal-istess oggetti dawn jinkludu dawk indikati fl-affidavit tal-ufficjali tad-Dwana George Agius datat 11 ta' Gunju 2010 u allura tali spejjez huma nkorporati f'dik li hija t-tielet talba attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tlieta u erbghin elf u mitejn (43,200) *mobile phone covers,* elf (1,000) batteriji tal-*mobile phones*, mija u erbgha (104) *mobile phones* u kartuna bl-ippakkeggjar tal-*mobile phones* (Dok. "NC9") kollha bil-marka 'NOKIA' u whud minnhom bil-markji "E71", "Eseries", "E66", "N95", "Nseries", u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana

wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri ECMU 8024135 u TCKU 9970130 kontenenti l-imsemmija *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tas-segwenti: t-*trademarks* taghha lokalment registrati 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2') kif ukoll il-*Community Trademarks* (a) 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok. "NC 3"); (b) "E7 1", liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7035843 (Dok 'NC 4'); (c) 'Eseries', liema dritt gie registrat fis-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5108105 (Dok 'NC 5'); (d) 'E 66', liema dritt gie registrat fl-10 ta' Gunju 2009 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 7036783 (Dok 'NC 6') (e) 'N 95', liema dritt gie registrat fl-22 ta' Novembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5535356; (Dok 'NC 7'); u (f) 'Nseries', liema dritt gie registrat fl-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5107347 (Dok 'NC 8').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn il-*covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *covers*, batteriji, *mobiles phones* u pakkeggjar tal-*mobiles phones*, nkluzi dawk indikati f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------